# L-Ewwel Parti

## Minn Għajnejn Ħaddieħor

## *Daħla*

It-twerżiqa. Il-ħoss tal-arma tan-nar. Id-dmija. Xi kultant għadhom jiġuni f'moħħi t-tifkiriet b'saħħithom ta' dak kollu li ġarrabt minn dakinhar li għalaqt ħamsa u tletin sena, u jerġa' jaqbadni l-istess bard fl-istonku tiegħi li ħassejt fl-agħar mumenti li sibt ruħi fihom. U meta ma jiġux waħedhom, ngħid id-dritt, ikun hemm waqtiet li nagħmel minn kollox biex inġedded dawk it-tifkiriet, għax wara kollox, inħoss li jgħinuni; bihom inħoss li għadni bniedem li jaf jibża' u jħoss, dik id-dehxa fis-sinsla ta' dahri tkun kultant l-akbar prova li għadni ħaj, li d-dinja li qed ngħix fiha hija xi ħaġa li nista' mmiss b'idi.

Imbagħad, bħalma jiġrili dejjem, jibdew ġejjin tifkiriet oħra, b'ħafna lwien u dettall daqslikieku qed ngħixhom dak il-ħin stess; mhux tifkiriet sbieħ, xejn affattu, iżda li jħalluni mħasseb. Nistagħġeb bil-moħħ tal-bniedem, li kapaċi jżomm maħżuna tant affarijiet: uċuħ, kliem, taħditiet, postijiet, ħsejjes.

Bħal dik l-ewwel darba li ltqajt ma' Maya, dak id-dawl f'għajnejha kbar u suwed, qisu nar jaqbad u jaħtaf dak kollu li jsib madwaru; l-ewwel ftit kliem, żorr, sakemm indunat li tista' tafdani. Dik tifkira ċara ħafna, li iżda, imbagħad dejjem iġġib magħha tifkiriet oħrajn ta' x'ġara wara.

Nixtieq insib lil xi ħadd ma' min nista' naqsam dawn l-esperjenzi, iżda ma naf lil ħadd li għadda mill-istess, allura noqgħod lura, u naqsamhom miegħi nnifsi, niftakar u nerġa' ngħixhom. Ngħixhom u nerġa' nibda naħseb jekk dan kollu hux xi parti mill-pjan t'Alla għalija, jew inkella hemmx xi ħaġa f'din il-ġrajja li jien għadni ma fhimtx, u forsi la nifhimha …

Hemm aħna, qisni sejjaħtilha mill-ġdid, u issa quddiemi, għal darb'oħra, hemm il-ġrajja sħiħa. Jien Steve Ebejer, is-Serafin, u din hija l-istorja tiegħi …

## *L-Ewwel Kapitlu*. **Wieħed u Tmenin**

Irfist l-għatba tal-bieb ħames minuti biss qabel is-siegħa u nofs ta' waranofsinhar, u mill-ewwel is-sħana umda li taf tagħmel f'nofs Lulju belgħatni sħiħ. Sħana bħal dik ittik li timxi bil-mod u kemm jista' jkun tfittex id-dell, iżda dak il-ħin f'moħħi kont qed naħseb biss li jekk ma nilħaqx tas-siegħa u nofs kien se jkolli nistenna tliet kwarti oħra għall-karozza li jmiss. Is-soltu noħroġ qabel, naħsiblu għaxar minuti biex inkun żgur li nilħaqha, iżda dakinhar żammewni bil-kliem minħabba li għalaqt snini u s-Sur Bezzina, is-segretarju tal-librerija, għandu ħabta jżomm f'moħħu dawn l-affarijiet. Forsi ried xi pasta jew pastizz kif jagħmlu f'postijiet oħra tax-xogħol. Mingħandi ma ħa xejn.

Kont qiegħed inħaffef ġmielu, iżda ħarsa lejn l-arloġġ malajr urietni li kont se nieħu aktar mill-ħames minuti li kelli disponibbli biex nasal sal-venda, għalhekk intfajt f'ġirja, u meta kont għadni bilkemm għamilt tnax-il pass kien diġà ħariġli gallun għaraq. Fil-ħorġ li ta' kuljum nieħu miegħi x-xogħol kelli flixkun ilma frisk u kont naf li kif se nsib ruħi bilqiegħda f'tal-linja kont se nniżżlu f'nifs u jaħjini.

Ilmaħt il-wieħed u tmenin meta kien għadni ħdejn il-lukanda u sa mnalla żidt aktar il-pass għax kif meddejt sieq waħda fuq l-istaffa ħassejt it-tregħida tal-magna

hekk kif xegħlet u xammejt mill-ewwel l-irwejjaħ jintnu tad-duħħan li ħareġ mal-ewwel tidwira tal-Perkins.

Ħallast lix-xufier bil-flus li kelli għal-lest f'idi u ħaffift insib post lejn wara tal-karozza fejn kien hemm l-anqas nies, hekk kif tal-linja bdiet miexja qajl qajl 'il barra mill-venda. Intasabt fl-ewwel post vojt li sibt fejn stajt noqgħod waħdi u ħadt ir-ruħ li almenu l-karozza inzertat mill-qodma u stajt niftaħ it-tieqa beraħ. Ir-riħ li beda dieħel kien sħun, anzi, jaħraq, iżda almenu beda jgħin biex inixxifli l-għaraq nieżel f'gelgul ma' ġbini u ma' dahri. Bħali kienu ħafna n-nies rekbin li kienu qed ibatu l-qilla tas-sajf tagħna; min ineffaħ, min irewwaħ u min jixxotta wiċċu u wara għonqu b'maktur. Taħt tabella li tgħid: 'No food and drinks on board', ġuvni kien qed jiffriska b'tazza granita tal-lumi.

Żewġ postijiet quddiemi fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, il-Bambu kien diġà mitluf ikanta, bħalma kien jagħmel dejjem meta jkun tiela' lura mill-Belt lejn l-isptar ta' Monte Carmeli. Kien raġel anzjan ta' xi ħamsa u sebgħin sena, b'xagħru bajda silġ mimxuta lura bħal tal-King u l-qmis maħlula sa nofsha biex jidhru għadd ta' ġiżirajjen li kellu madwar għonqu, fosthom waħda b'pendent tad-deheb f'sura ta' serp b'sitt iġwienaħ. Ma nafx kif ma kienx jibża' jdur b'dawk id-dehbijiet kollha. Dak il-ħin kien għaddej ikanta din:

"Air full of feathers  
Fluttering distant laughter  
Air full of signs and strange magic  
Planets aligned in warning  
Trap door sprung beneath me

And I'm falling
But I'm rising …
Downwards into blue sky
I'm rising …"

Is-soltu kien ikun għaddej b'xi diska t'Elvis, Johnny Cash jew tal-Beatles, dejjem b'vuċi baxxa li ma ddejjaq lil ħadd, u b'leħen ta' ħila kbira li ma jistunax nota. Illum kien mod ieħor; din id-diska qatt ma kont smajtu jkantaha. Bniedem interessanti dan il-Bambu, li ħafna drabi kien iżomm kumpanija lil min ikun hemm fil-karozza mingħajr ma jitħallat ma' ħadd. Bħal ħafna mill-pazjenti tal-isptar Monte Carmeli, kien jagħmillek perjodi ma jidhirx, meta x'aktarx kien ikun maqful, għalkemm dan l-aħħar ma tantx kien ifalli. Għaddieli minn moħħi li żgur kien żied ir-repertorju.

Biex forsi nnaqqas it-taħbit feroċi ta' qalbi, għalaqt għajnejja u bdejt nieħu nifsijiet twal u fil-fond, u f'dak il-waqt ftakart fl-ilma li kelli miegħi, li kont ilni nkessaħ fil-fridge tax-xogħol minn kif dħalt filgħodu. Malajr niżżilt nofsu f'nifs wieħed. Sadanittant konna diġà għaddejjin minn Triq Sant'Anna u x-xufier ġibed 'il ġewwa biex waqafna fuq l-ewwel minn sensiela ta' stages matul it-triq twila sa Ħad-Dingli. Bħal dan il-ħin is-soltu nkunu r-raħal f'erbgħin minuta, ġieli anqas, minħabba li l-karozzi fit-triq ikunu skarsi. Fil-ħin tax-xitwa meta naqbad tal-erbgħa u nofs lura, ġieli qarribna s-siegħa biex naslu.

Koppja turisti, x'aktarx Ingliżi mix-xeħta tagħhom, telgħu f'tal-linja, ħallsu u sabu post bilqiegħda. Il-karozza bdiet miexja mill-ġdid mat-traffiku l-ieħor, u

mill-ġdid, ir-riħ sħun imħallat mar-riħa tinten tad-dħaħen tal-karozzi beda dieħel fuq wiċċi. Il-ġilda tas-sedil li kont bilqiegħda fih tant bdiet tagħmilli sħana li bdejt inħoss il-qalziet jixxarrab bl-għaraq. Ma kienx hemm x'wieħed jista' jagħmel wisq. Is-sajf Malti jaf ikun qalil, għalkemm xorta waħda dejjem nippreferejtu mix-xitwa, mill-kesħa u l-jiem qosra. U mill-ġranet tax-xogħol twal. In-nofstanhari kienu barka t'Alla.

Il-Ħamrun sibna t-triq vojta, u waqafna darbtejn biss, darba biex niżlu tnejn min-nies, li kont naf li jaħdmu mal-Gvern ukoll, u darb'oħra biex rikbu żewġ sorijiet u qassis, it-tlieta li huma mgħobbijin ġmielhom biż-żmien u mkeffnin fil-ħwejjeġ tal-kleru—iswed lewn il-ħażen li dejjem jissieltu kontrih. Kos, kienu jilbsu hekk biex jinfiltraw lil ta' kontrihom? Kienet strateġija ġenjali? Kif ma jinqatlux b'dak l-ilbies?

Is-sħana bdejt inħossha tielgħa għal rasi. Dik il-ġirja li ġrejt xejn m'għamlitli ġid. Xarrabt maktur bl-aħħar ftit ilma mill-flixkun u bdejt nagħmlu ma' wiċċi u m'għonqi, iżda dan malajr saħan ukoll u ma baqax ta' sabar. Ir-riħ dieħel mit-tieqa kien donnu ilsna tan-nar u xħin ħarist barra stajt nara l-longa tielgħa 'l fuq mill-art tat-triq. Ħarist madwari lejn il-passiġġieri l-oħrajn. Rożi taż-Żebbuġija, li jumejn fil-ġimgħa preċett, sajf u xitwa, kienet tinżel il-Belt tisma' quddiesa u ddur dawra l-ħwienet (mingħajr ma tixtri xejn), dejjem pulita u b'xagħar pinna, kienet għaddejja trewwaħ qisha indemunjata bi mrewħa tal-bizzilla, tifkira ta' pellegrinaġġ Lourdes, filwaqt

li ħdejha, Tereż ta' Brimi kienet dari tgerger bis-sajf qalil u kif meta kienet iżgħar ix-xemx qatt ma kienet taħraq hekk.

Bilqiegħda bi dritt tiegħi eżatt kien hemm tfajla, bi ktieb miftuħ f'ħoġorha, mitlufa taqra. Bil-kurżità ta' librar, mejjilt ftit rasi biex stajt naqra x'jismu l-ktieb li kellha: *Il-Prinċep ta' Żir*. Qatt ma kont smajt bih. Fis-sedil warajha kien hemm żewġ ġuvintur ipaċpċu bejniethom minn taħt l-ilsien, iżda ma stajtx naqbad fuq xiex. Ġuvni u tfajla suwed, x'aktarx aħwa daqskemm kienu jixtiebhu, kienu bilqiegħda fejn xulxin warajja eżatt, mitlufin min jaf f'liema ħsieb, filwaqt li fuq wara nett kien hemm tlett ixjuħ pensjonanti li kont ninzertahom dejjem kull nhar ta' Ħamis …

Dak kollu li ġara dak il-ħin tant ġara f'salt u għal għarrieda li ħasad lil kulħadd. Hekk kif ix-xufier kien qed jingrana l-karozza biex idur mar-roundabout ta' Fleur-de-Lys, is-sħana ġewwa x-xarabank donnha rduppjat, bħallikieku xi ħadd fetaħ forn kbir u ħarġet is-sħana kollha għall-wiċċ. Ix-xufier infexx jidgħi għax beda jgħajjat li tilef il-kontroll tal-vettura. Il-ħoss tal-magna wkoll żdied f'salt, bħal meta xi ħadd idaħħal gear iżgħar u jagħfas il-pedala tal-gass s'isfel. Id-dawl madwarna nbidel, qisna dħalna ġo xi mina, u l-Bambu frisk bħal ħassa qaħqaħ griżmejh u b'vuċi mill-isbaħ beda jkanta versi li ma ninsa qatt:

"This train is my life
Speeding through the night
We have been to these places
For barely a moment

Wide awake
Sometimes sleeping
Sometimes watching
Sometimes dreaming"

Ħassejt geġwiġija t'ilħna, kollha jitkellmu fl-istess waqt ġo rasi. L-ilwien madwari ħadu xeħta ġdida, donnhom saru aktar ħajjin, iduru u jitqallbu u jidħlu f'xulxin f'armonija li żammet il-polz mat-taħbit ta' qalbi u mat-tidwir tad-dinja.

"Alla tagħna isma' t-talb tagħna," smajt lil Rożi titlob b'ħeġġa, u dlonk instema' t-tgemgim taż-żewġ sorijiet li kienu bdew jitolbu wkoll. Iżda t-talb ta' dawk it-tliet nisa ma setax ilaħħaq mad-dagħa faħxi ta' Manwel ix-xufier, jew id-Dib, kif kienu jsibuh ħafna. Intbaħt li x-xarabank kien għaddej b'saħħa kbira. Minn fejn ma stajtx ngħid, iżda ħassejt li qegħdin dejjem inżidu l-veloċità, dejjem ġo dik il-mina ta' lwien strambi, bis-sħana madwari dejjem tiżdied, iċ-ċekċik tal-karozza issa jtarrax, u aktar ma jiżdied il-ġiri, aktar jikber it-tregħid. L-ilwien sparixxew. Minflokhom waqgħet fuqna dalma. Fl-istess waqtiet il-Bambu għadu jkanta, għalkemm ħadd ma kellu moħħu. Kien qed jirrepeti l-istess versi b'aktar ħeġġa, leħnu issa aktar mimli, biex jinstema' f'dak il-ġenn kollu.

Imbagħad f'salt wieħed id-dlam intemm ħesrem. Il-ħoss tal-magna nbidel, donnha bdiet ħa tnaqqas minn dak il-ġiri sfrenat, u din id-darba xħin id-Dib għafas il-pedala tal-break, ir-roti bdew iwerżqu twerżiq tal-ġenn, qishom xjaten f'żifna mqanqla, sa ma l-karozza bdiet tieqaf u duħħan abjad beda ħiereġ mir-roti.